MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Numru 752/2001

**Artikoli 28B, 49, 50, 325, 261, 263, 267, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**MARTIN GOUDER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN GOUDER** ta' sitta w tletin sena bin il-mejjet Anthony u Maria Concetta nee Cachia, imwieled Bormla fl-ghoxrin ta' Novembru, 1964 u residenti 21, Triq il-Kewba, Bormla, detentur tal-karta tal-identita numru 606864M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghoxrin ta' Ottubru 2001, wara nofsinhar:

1. Ikkommetta serq ta' erbgha mija hamsa w ghoxrin lira maltin fi flus kontanti mill-hanut bl-isem 'Tip Toes' sitwat fi Pjazza Rahal Gdid, ghad-dannu ta' Ivan Azzopardi liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmi hanut, liema hsara hija ta' inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-istess sid u cioe Ivan Azzopardi;

3. Talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra; u

4. Talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi datati tlieta ta' Mejju 1999 u tnejn ta' Frar 1999 l-ewwel wahda mohgtija mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera w t-tieni wahda moghtija mill-Magistrat Dottor Carol Peralta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2001 esibit a fol sitta tal-process markat bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar l-hdax ta' Novembru 2002 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar l-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita fl-atti a fol 7 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li

l-imputat diga nstab hati ta' tnax il-kaz li jittrattaw fuq diversi serqiet, pussess ta' droga eroina u xi reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku. L-imputat inghata probation sebgha darbiet, sentenzi sospizi darbtejn u diversi multi, izda dan nonostante rega' qieghed quddiem din il-Qorti akkuzat li kiser dufrejh mal-ligi.

Illi l-imputat ma tghallimx jusufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu tant li llum rega' jinstab akkuzat b'reat ta' serq, hsara voluntarja u dan filwaqt ta' perjodu operattiv ta' sentenzi tal-Qorti.

Il-Qorti rat wkoll li waqt l-andament ta' dawn il-proceduri, gieli wkoll gie notifikat sabiex jidher il-Qorti u dan naqas li jaghmel hekk u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandix tkun klementi ma persuna li m'ghandhix rispett lejn l-Awtorita tal-Qorti u jigi jaqa w jqum mill-gustizzja u dan ghaliex, apparti li l-Qorti trid taghmel gustizzja mal-imputat, trid wkoll tiehu hsieb l-interess tas-socjeta, li wara kollox jifforma parti minnha l-istess imputat.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 28B, 49, 50, 325, 261, 263, 267, 278, 279 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li trendi operattiv iz-zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat MARTIN GOUDER nhar t-tlieta ta' Mejju 1999 moghtija mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera u tat-tnejn ta' Frar 1999 moghtija mill-Magistrat Dottor Carol Peralta, fejn l-imputat kien gie kkudannat sena habs fiz-zewg okkazjonijiet b'mod separat u ghalhekk tordna li dawn is-sentejn jigu resi operattivi minnufih. Oltre dan tikkundanna lil istess imputat MARTIN GOUDER ghall-piena karcerarja addizzjonali ta' tmintax il-xahar iehor ghall-akkuzi odjerni u cioe dik ta' serq aggravat bil-valur u mezz u ta' hsara voluntarja.**

**B'hekk l-imputat MARTIN GOUDER irid jaghmel perjodu ta' prigunerija ta' tlett snin u nofs.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------